Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 13/2016

Il-Pulizja

Spettur Joseph Busuttil

Vs

Rosario Vidal

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Rosario Vidal, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 795154M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer waqt li kien fi Triq ix-Xitwa, Mosta, fid-9 ta' Awwissu, 2011 ghal habta ta' bejn it-3.00pm u it-3.15pm u fil-granet ta' qabel, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' giref vettura FBS305 tat-tip Toyota Yaris ghad-detriment ta' Pauline Galea, liema hsara tammonta ghal aktar minn €1164.69.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-8 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti sabet lil Rosario Vidal hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u kkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal sena (1).

Finalement spjegat fi kliem car lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell ta Rosario Vidal, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Jannar, 2016, fejn talab lil din il-Qorti thassar is-sentenza appellata in kwantu l-imputat gie misjub hati u kkundannat ghal tmien xhur prigunerija sospizi ghall-sena u b'hekk tillibera lill-imputat minn kull htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Rosario Vidal esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-esponenti ma seta' qatt jinstab hati ta twettiq ta' delitt li jmur lura fiz-zmien, minghajr l-icken prova dwar dan il-fatt, la tal-hsara u lanqas tal-involviment tal-appellant f'dati differenti.
2. Illi bla pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, it-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx apprezzamnet sew u xieraq tal-provi kif jirrizultaw quddiemha dan billi hemm nuqqas karenti ta' carezzza tal-azzjoni kriminuza adebitata lill-appellant, b'mod li ma tissodisfax ir-rekwizit massimu ta' prova.
3. Illi bla pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, it-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx apprezzament sew u xieraq tal-provi kif irrizultaw quddiemha dan a rigward meta u minn min saru jew setghu saru l-allegati hsarat, dan billi kemm l-espert u kemm il-parte civile jghidu li kien hemm diversi hsarat fuq diversi panels, mhux fuq naha wahda biss, u ghaldaqstant hawn ghandek tlett nuqqasijiet naxxenti u cioe':
    a. Il-Kwalita' tal-hsarat;
    b. Il-Kwantita' tal-hsarat;
    c. U allura l-valur tal-istess hsarat.
4. Illi bla pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, it-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tikkonferma dawn it-

tlett parametri dwar il-hsarat u hawn nibtet ukoll apprezzament mhux korrett u xieraq tal-provi billi fl-ewwel lok, il-kwalita' kellha tigi osservata jekk hix kompatibbli ma xi mezz li kellu jew seta kellu l-appellant li dwar dna ma jintqal xejn waqt il-kawza.

5. Illi bla pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, ir-raba' aggravju jikkonsisti filli hemm dubju serju dwar il-kwalita' tal-allegati hsarat billi l-istess 'espert' imqabbad minn Galea jindikahom permezz ta' tape imwahhal mal-vettura, tant huma de minimis, li xorta ma jdrhux u ghaldaqstatn fl-ewwel lok ma kienux hsarat riskontrabbli mill-Qorti direttament imma biss mix xhieda exparte, u ghalhekk fejn tidhol din ix-xhieda ex parte, l-fatt li hemm disgiwd serju fuq il-kwantita, il-lokazzjoni u l-kwalita' u id-data tal-allegati hsarat, b'mod li jimmina l-kredibilita' ta' din ix-xhieda, dan kollu jcajpar serjament l-att kriminuz allegat fis-sustanza integra tal-att innifsu.
6. Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, il-filmat tas-CCTV prodott in atti mhux prodott b'dik ic-carezza necessarja biex jwassal lil objective viewer sabiex jiddetermina kif qed jinghad li l-appellant jidher qed jigref il-karozza, imma fl-opinjoni umli tal-appellant, jidher biss ghaddej mit-triq regolarment.
7. Illi x-xheida ta' Pauline Galea ukoll hija nieqsa mic-certezza taghha, ghax filwaqt li tallega li ratu jobrox il-karozza, nizlet tara u tghid li sabet grif li qabel ma kienx hemm, meta imbghad jigi dikjarat li kien hemm grif fuq il-panel ta' wara li ma kienx hemm qabel u ma jidher hadd jikkagunah, meta di piu' l-istess grif tant huwa minimu li l-fotgrafija ma jirrizultax u l-espoert ghamel marka biex jindika fejn jinstab. Dan kollu qed jinghad billi dik ic-certezza li allegat u prestat ruhha fix-xhieda ta' Pauline Gala mhix holistika meta thares lejha globalment max-xhieda u rizultanzi ohra fl-istess process.
8. Illi r-raba aggravju li qieghed jinghata minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti u liema aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-piena nflitta hija wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-eta avvanzata tal-appellant, l-fatt li ma nstab hati tar-recidiva, li tali fatturi ma jimmeritawx piena fil-massimu.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti fejn fl-impunjattiva minnu imressqa huwa jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha meta sabitu hati tal-akkuza lilu addebitata. Illi l-perm ta' dan l-appell idur madwar l-identifikazzjoni jew ahjar l-gharfien tal-persuna tal-appellanti bhala dik il-persuna li ghamlet il-hsara fuq il-vettura tal-parti leza bi grif tul il-gnub ta'l-istess. Illi l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanti meta strahet fuq l-identifikazzjoni tal-persuna ta'l-appellanti maghmula mhux biss mill-parti leza stess Pauline Galea izda ukoll mill-prova maghmula permezz ta' *footage* mehuda minn CCTV camera li tikkorobora dak mistqarr mill-imsemmija Galea.

L-appellanti izda jilmenta mill-fatt illi dawn il-provi ma setghux wahedhom jippuntaw fid-direzzjoni tieghu bhala il-malvivent li wettaq dina l-hsara fil-jum indikat fl-akkuza u sahansitra anke fil-granet li ipprecedewha iktar u iktar ghaliex l-espert li ezamina il-hsara fuq il-vettura tal-parti leza jikkonstata diversi marki ta' grif madwar il-vettura kollha u mhux biss fuq dik il-parti fejn deher l-appellanti fuq il-filmat ghaddej vicin taghha. Jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti naqqset milil tezamina l-kwalita, il-kwantita u l-valur tal-hsara u dan meta giet biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija. Lanqas il-*footage* tac-CCTV esebiet in atti u li fuqu strahet l-Ewwel Qorti bhala prova indizzjarji ma huwa b'sahhtu bizzejjed biex tigi stabbilita ir-reita', billi l-imagini li jidhru fuqu ma humiex cari, kif lanqas ma hija cara ix-xhieda tal-parti leza stess Pauline Galea. Finalment l-appellanti jilmenta illi l-piena inflitta hija wahda eccessiva.

Il-Qorti moghnija bir-regoli illi tfasslu fil-kawza **R vs Turnbull** fl-Ingilterra, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, tipprezenta linji gwida imfassla fil-kaz ta'l-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dana gie ukoll sottolinjat f'sentenza moghtija minn din il-Qorti (kif diversament ippresjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

"***First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before***

*convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*

Dan ghaliex l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent maghmul mix-xhud jibqa' dejjem suxxettibbli ghall-imperfezzjonijiet tal-osservazzjonijiet umani u ghall-possibbilitajiet kollha ta' zball genwin illi ifisser allura illi min hu imsejjah biex jiggudika irid japplika dik il-kawtela specjali qabel ma jasal ghal kundanna ibbazata fuq dik l-identifikazzjoni.

Issa fil-kaz in dizamina l-identifikazzjoni saret mill-parti leza li kienet qed tosserva dak li kien qed jigri mill-gallarija tar-residenza taghha. Ma jidhirx illi hija kellha il-vizta taghha ostakolata u osservat x-xena mill-qrib billi l-vettura taghha kienet tinsab ipparkeggjata quddiem il-bieb tad-dar. Tghid illi osservat lill-appellanti jigref il-vettura darbtejn fuq kull naha l-ewwel hu u sejjer lejn id-dar tieghu ftit bibien l-isfel, imbaghad hu u tiela' lura mid-dar. Dan hu ikkoroborat mill-filmat esebiet minnha mehud minn CCTV camera installata minnha fuq in-naha ta' barra tar-residena taghha u dan wara episodji ohra fejn kienet qed issib il-vettura taghha migrufa.

Illi l-appellanti stess fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija ma jichadx illi l-persuna li tidher fil-filmat huwa hu stess u ghalkemm jikkonferma li ghamel l-azzjonijiet kollha li jidhru fil-filmat inkluz li jarmi pakkett tas-sigaretti f'parapett, madanakollu jichad l-azzjoni inkriminanti biss.

Illi l-Ewwel Qorti strahet fuq dak li soservat f'dan il-filmat esebiet mill-Prosekuzzjoni , prova li ikkoroborat bis-shih il-verzjoni tal-parti leza.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet legali u fattwali din il-Qorti tistqarr illi ma tara xejn x'ticcensura fl-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-atti probatorji. Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very*

*exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Illi ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi billi tghid illi l-Ewwel Qorti hadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex wasslet ghad-decizjoni taghha u dan mhux biss fl-evalwazzjoni minnha maghmula tax-xhieda li kellha okkazzjoni tisma' *viva voce* izda ukoll fl-accettazzjoni taghha tal-identifikazzjoni maghmula tal-persuna ta'l-appellanti fuq il-filmat esebiet. Illi dak mistqarr mill-parti leza kif korroborat mill-filmat jikkombacja man-natura tal-hsara li ikkonstata is-surveyor Philip Zammit li jikkonferma illi huwa ra grif tul il-vettura fuq iz-zewg nahat, hsara allura li huwa ikkonstata *ictu oculi* u ikkonfermaha billi ghamel *tape* madwar fejn irriskontra din il-hsara u dan sabiex ir-rapport tieghu ikun aktar car. Mhux biss izda il-valur tal-hsara kif ikkonfermat mill-imsemmi xhud tal-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma gie kontradett minn ebda prova ohra fl-atti

Illi ghal dawn il-motivi l-aggravvji kollha imressqa mill-appellanti li huma marbuta ma'l-apprezzament tal-provi maghmula qed jigu rigettati.

Illi l-appellanti finalment jilmenta illi l-piena inflitta hija wahda eccessiva. Illi din il-Qorti ma tarax illi ghandu ragun. Illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat in dizamina u allura f'Awwissu tas-sena 2011 ir-reat tal-hsara volontarja addebitat lill-appellanti kien jaqa' fil-parametri ta' dak dispost fl-artikolu 325(1)(a) billi l-ammont tal-hsara

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

kien jizboq €1164.69 fejn allura it-terminu ta' prigunerija kien dak ta' bejn tlettax-il xahar u erba' snin. Izda bl-emendi introdotti permezz ta'l-Att XXIV tal-2014 ir-reat in dizamina sar kompriz fis-sub-inciz (b) u mhux (a) billi l-hsara ma kenitx teccedi l-€2500. Illi l-piena ikkontemplata f'dan is-sub-inciz ta'l-artikolu 325 jikkontempla piena ta' prigunerija bejn tmien xhur sa erbatax-il xahar. Illi fejn issir emenda fil-Kodici Kriminali, il-principju hu li l-akkuzat ghandu jibbenefika mil-ligi l-aktar favorevoli ghalih fejn din tolqot il-piena. Kif kien gie ritenut fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. George Faenza et deciz fis-7 ta' Jannar 2005:

**"Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, iżda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla poena sine lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-nonretroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea."**

Kwindi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet fil-minimu taghha, fejn inoltre l-Ewwel Qorti sahansitra applikat sanzjoni alternattiva ghal prigunerija effettiva u dan bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali favur l-appellanti. Kwindi lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur